MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 624/2003

Il-Pulizija
(Spettur E.M Camilleri)

vs

Emmanuel Gauci

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 291760(m), akkuzat talli:

1. fl-14 ta’ Mejju 2003 u f’dati precedenti, f’Bugibba u Sliema u bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, ismijiet , il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemmi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-

xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblemma imxebbhin b'qerq u cioe' brochures – bi ksur tal-Artikolu 298(1) (a)(b)(c)(f) tal-Kap 9;

2. fl-14 ta' Mejju 2003 u f'dati precedenti f'Bugibba u Sliema u fi bnadi ohra b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprisi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm432 bi hsara lil Emmanuel Cammilleri – bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 309 tal-Kap 9;

3. agixxa xi attivita' kummercjali minn xi post kummercjali minghajr licenza minn persuna lit kun twettaq xi attivita kummercjali bis-sahha ta' licenza mahruga mill-awtorita regolatorja f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-esercizju ta' dik l-attivita kummercjali – bi ksur tal-Artikolu 31 tal-Kap 441.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-akkuzat jirreferu ghall-qerq fil-kummerc, it-truffa u li opera attivita' kummercjali minghajr licenza.

Il-fatti fil-qosor huma li fis-27 ta' Gunju 2003 l-Pulizija rceviet kwerela minghand Martin Degabriele esercenti l-kummerc taht l-isem 'Oasis Tours' li l-akkuzat, permezz tas-socjeta' 'EMM Enterprises Limited', kien sfaccjatament uza brochure tad-ditta 'Oasis' biex jirreklama giti turistici reklamati fuq brochure li kien ta proprjeta' tad-ditta 'Oasis'.

L-akkuzat dak iz-zmien kien direttur tas-socjeta' 'EMM Enterprises Limited', li kienet topera principalment fis-settur ta' kiri ta' vetturi pero' kienet ukoll tirreklama dawn il-giti turistici bhala sub-agent tad-ditta 'Oasis'. Fil-fatt kellha numru ta' dawn il-brochures, moghtija lilha mil-kwerelant li kienet tirreklama u tbiegh fuq kommissjoni. Il-kwistjoni nqalet fuq rapport li sar minn persuna ta' nazzjonalita' Taljana li kien ipprenota u xtara gita turistika minghand is-socjeta' tal-akkuzat u kien akkwista s-servizz taghha ghall-gita minnu prenotata u ma kienx hareg sodisfatt bis-servizzi resi u rrikorra ghand d-ditta tal-kwerelant. Kien proprju dan l-incident li instiga l-kwerela stante li lill-kwerelant irrisultalu li l-akkuzat kien wahhal fuq il-brochure tad-ditta 'Oasis' 'sticker' bid-dettalji tas-socjeta' gestita mill-akkuzat li twahhal b'tali mod li oskura ghall-kollox id-dettalji tad-ditta tal-kwerelant l-organizzatrici tal-giti turistici. Dan il-fatt hu ampjament evidenti mid-dokumenti esebiti folio 14 tal-atti u m'ghandux ikun hemm dubbju mill-provi in atti li l-akkuzat kien a konoxjenza piena ta' dan il-fatt u fl-istqarrija tieghu rilaxxjata lill-Pulizija assuma r-responsabilita' shiha ghal dan meta qal li "jiena wahhalt l-isticker biex it-turisti ma jitfixklux ma ufficini ohra".

Illi irrispettivament x'jghid l-akkuzat id-dokument esebit hu 'res ipsa loquitur' ossija li huwa spacca bhala tieghu jew aktar ezatt tas-socjeta' gestita minnu giti turistici proprjeta' ta' terzi u ghal xejn jghid l-akkuzat li fil-kaz tat-Taljan dan ried servizz personalizzat.

Ghalhekk din il-Qorti tafferma li l-ewwel akkuza ghandha treggi stante li hu pruvat li huwa biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh…u xjentement ghamel uzu minn dawn l-ismijiet, marki jew sinjali mibdula.

Dwar l-akkuza tat-truffa hu element essenzjali tar-reat l-'mise en scene' konsistenti f'artifici jew raggiri igifieri dawk li l-ligi stess fl-Artikolu 308 issemmi bhala min, b'mezzi kontra l-ligi, jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew ta' krediti foloz, jew jinqeda b'qerq iehor jew

ingann, jew billi juri haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza ta’ xi grajja kimerika. Dawn ma jinkwadrawx, fil-fehma ta’ din il-Qorti, fil-kaz in ezami b’daqstant li din lakkuza ma treggix.

Dwar l-ahhar akkuza tinsab esebita fl-atti sentenza tal-Qorti tal-Appell kontra dan l-akkuzat li biha nstab hati proprju tal-akkuza fuq fatti prospettati f’din t-tielet akkuza. Ghalhekk hemm in ‘ne bis in idem’ fir-rigward din t-tielet u l-ahhar akkuza.

Inghad dan ghalhekk issib l-imputat hati biss tal-ewwel akkuza u tilliberah mill-bqija. Rat l-Artikolu 298(1)(a) u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha kif wkoll il-fedina penal ital-imputat tiddecidi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------